MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 436/2015/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 436/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Dr Gabriella Fumia 39242A**

**vs**

1. **Direttur Generali Veterinary and Phytosanitary Regulations Deparment; u**

**2 Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostnibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Dr Gabriella Fumia fis-16 ta' Marzu 2015 fejn gie kkonfermat bil-gurament illi : -

L-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet u tixtieq izzom l-intimati milli jkomplu bil-process u jiffinalizzaw ir-rizultati relattivi fir-rigward tal-post ta' *Principal Veterinary Officer* fi hdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulations Department* tal-Ministeru relattiv (skont Dok A) u dan *in vista* tal-fatt illi l-esponenti diga` intavolat proceduri gudizzjarji fl-ismijiet Dr Gabriella Fumia vs Direttur Generali *Veterinary and Phytosanitary Regulations et.* (Rik. Nru. 347/14) pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, fejn *inter alia*, qed titlob id-dritt illi tigi debitament rikonoxxuta bhala membru tal-'veterinary stream' *ai fini* u effetti kollha tal-ligi u ghaldaqstant l-esponenti ser tigi pregudikata b' mod irrimedjabbli jekk tali process jigi konkluz qabel ma tinghata decizjoni finali fil-konfront taghha fil-kawza surreferita jew jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet prevja soluzzjoni ghat-tahdidiet li ghaddejjin bhalissa bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk l-intimati ma jigux inibiti kif inghad.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izommhom milli jkomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tas-16 ta' Marzu 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-26 ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali *Veterinary and Phytosanitary Regulations Deparment* u Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Sostnibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima datata 20 ta' Marzu 2015 a fol 5 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-26 ta' Marzu 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Philip Magri ghar-rikorrenti u Dr. Susan Sciberras u Dr Abigail Caruana ghall-intimati. Dr. Magri nforma lill-Qorti li r-rikorrenti ma setghetx tkun prezenti minhabba li hi msiefra fuq impenji ta' xoghol fi hdan l-istess Dipartiment intimat. Dr. Magri talab li jipprezenta affidavit tar-rikorrenti. Il-Qorti billi r-rikorrenti kellha tipproduci provi abbazi tad-dritt taghha *prima facie* u li kellhom isiru mar-rikors promotur u mhux illum, qed tichad it-talba. Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li s-sejha ghall-applikazzjonijiet fil-mertu mhix allaccjata mar-rikors minkejja li saret referenza ghaliha kemm fir-rikors stess bhala Dok A, kif ukoll li l-intimati ddikkjaraw li rcevew il-kopja tal-mandat flimkien mas-sejha. Il-Qorti ghalhekk ordnat, u l-istess intimati ma oggezzjonawx, li l-kopja tas-sejha li rcevew tigi nserita fl-atti tal-mandat sabiex il-process ikun integru, u jigi mmarkat Dok A. Xehed bil-gurament tieghu Dennis Buttigieg, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri trattaw il-Mandat. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

**Ikkonsidrat** li bit-talba premessa, r-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti sabiex izzomm l-intimati milli jkomplu bil-process u jiffinalizzaw ir-rizultati relattivi fir-rigward tal-post ta' *Principal Veterinary Officer* fi hdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulations Department* tal-Ministeru relattiv (skont **Dok A** esebit fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015).

L-intimati kkontestaw it-talba *stante* li ma jezistux l-elementi rikjesti bl-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-hrug tal-mandat kif rikjest kontra l-Gvern mhuwiex ser johloq pregudizzju sproporzjonat ghar-rikorrenti *ai termini* tal-**artiklu 873(c)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat li fis-6 ta' Marzu 2015 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-pozizzjoni ta' *Principal Veterinary Officer* (PVO) fi hdan id-Dipartiment intimat. Kif jirrizulta mid-**Dokument A**, is-sejha hija miftuha ghall-"*Public Officers in the grade of Senior Veterinary Officers."* Dan il-grad huwa *sine qua non* sabiex l-applikanti ikunu eligibbli ghall-pozizzjoni. (**Para 4.1 tas-Sejha).**

**Konsiderazzjoni ta' Dritt.**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Dritt 'Prima Facie'**

---

[1] Ara f'dan is-sens *“**Grech proprio et nomine vs Manfre**”* – A.C. – Dec.14 ta’ Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u *“**40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar”*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta’ Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk: –

*"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru ‘prima facie’, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

Bhala fatt mhuwiex ikkontestat li r-rikorrenti ghadha mhix fil-grad ta' *Senior Veterinary Officer* (SVO) li huwa l-grad ta' qabel dak ta' *Principal Veterinary Officer*. Ghaldaqstant mhix eligibbli attwalment biex tapplika ghal din il-pozizzjoni skont is-sejha in mertu.

Ir-rikorrenti tissottometti li pprezentat talba gudizzjarja, pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, sabiex tinghata d-dritt li tigi rikonoxxuta bhala membru tal-*veterinary stream.* Attwalment tghid li hija impjegata bhal *Generic Officer scale 5* izda jekk tigi rikonoxxuta bhala parti mill-*veterinary stream*, issir eligibbli ghall-kariga ta' PVO.

Dan kollu huwa kkontestat mill-intimati li affermaw li r-rikorrenti tokkupa l-kariga ta' *Veterinary Officer* (VO) fi hdan id-Dipartiment .

Ikkonsidrat li l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti biex tapplika ghall-pozizzjoni ta' PVO fl-ewwel lok jiddependi fuq il-grad attwali taghha. Jirrizulta li dan hu ta' *Veterinary Officer*, lanqas ta' *Senior Veterinary Officer* li hu l-grad minimu rikjest ta' eligibbilta`. Jirrizulta mir-risposta tal-Intimati li r-rikorrenti kienet applikat ghall-grad ta' SVO izda ma gietx minn ta' quddiem bizzejjed biex tikkwalifika ghall-promozzjoni.

F'tali cirkostanza, din il-Qorti mhix soddisfatta li r-rikorrenti ippruvat fuq bazi *prima facie* li ghandha d-dritt li twaqqaf l-ipprocessar tas-sejha meta attwalment lanqas ghandha l-grad minimu ta' eligibbilta` biex tapplika ghall-pozizzjoni. Din il-mankanza mhix dovuta ghal dak allegat minnha li mhix ikkonsidrata bhala parti mill-*veterinary stream,* imma ghaliex ma kkwalifikatx ghall-grad ta' *Senior Veterinary Officer* meta harget sejha ghal din il-pozizzjoni. Ma jirrizultax li giet skwalifikata milli tapplika ghall-SVO, tant hu hekk li hi applikat u ma ntaghzlitx ghaliex ma gietx minn ta' quddiem (giet is-sitt kandidat minn fost ghaxra).

Illi billi t-tlett elementi huma kumulattivi, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tezamina iz-zewg elementi rimanenti. Inoltre, f'kaz li, ghall-grazzja tal-argument biss, it-talba setghet tirnexxi, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, l-element rikjest mis-**subinciz 873(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jistax jigi sodisfatt.

**Artikolu 873(3) tal-Kap.12**

Dan is-subinciz (3) li jaqra hekk –

*"Il-qorti m'għandha toħrog ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali tagħha kemm-il darba l-awtorita` jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma*. "

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, mqar wiehed mill-intimati jkun il-Gvern, b'zieda ma' l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-ħaga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq; u (b) li l-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li

tigi migmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi rimedjat" bħala l-bazi biex tkun milqugha talba għall-ħrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-ħaga titwettaq.

In kwantu li jikkoncerna l-intimat Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi hdan il-Ministeru tal-*Veterinary Department* ikkonferma fis-seduta quddiem din il-Qorti, mizmuma fis-26 ta' Marzu 2015 li kieku ma kienx hemm dan il-mandat kien jitkompla l-process sabiex jinhatru *Principal Veterinary Officers*.

Dan ir-rekwizit partikolari inkorporat fl-artikolu 873(3) u ghalhekk sodisfatt.

Madanakollu, dwar l-aspett ta' proporzjonalita', jirrizulta lill-Qorti li l-akkoljiment tat-talba ser tkun ta' pregudizzju ferm akbar lill-intimati milli potenzjalment lir-rikorrenti. F'kaz li r-rikorrenti tirnexxi fit-talbiet taghha wara determinazzjoni aktar approfondita tal-kaz taghha, tigi rikonoxxuta bhala PVO, allura l-intimati bilfors ghandhom jesegwixxu l-ordni tal-Qorti.

Min-naha l-ohra, l-intimati gustament jirribattu l-ingagg ta' aktar *staff* veterinarju sar fuq rakkommandazzoni tal-*Food and Veterinary Office (FVO)* tal-Unjoni Ewropea wara *audit* tas-servizzi veterinarji f'Malta u d-Dipartiment huwa gja impenjat mal-UE ghall-ingaggar tal-PVO. Inoltre t-twaqqif tal-process ta' ghazla ser johloq pregudizzju ghall-applikanti kwalifikati, li ottemporaw ruhhom mar-rekwiziti ta' eligibbilta` peress li l-applikazzjoni taghhom tinzamm sospiza indefinittivament.

Kif diga` kellha okkazzjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bħal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug ta’ l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment *o meno* tat-talba, mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta’ Inibizzjoni.

Illi kif gja ribadit, sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (m`ghandhiex) milli tordna l-hrug tal-

Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax jinhareg.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**L-ispejjez huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------